MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-22 ta' April, 2005

Talba Numru. 597/2004

**Alliance Unichem (Malta) Limited [C 23097]**

**Vs**

**Joseph sive Joe Brown [K.I. 382944M]**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' mija u tmien liri Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm108.93c) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut u dan kwantu ghal tmienja u tletin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm38.88c) skond fattura tal-25 ta' Mejju, 2000 u kwantu ghal sebghin lira Maltin u hames centezmi (Lm70.05c) skond fattura tal-20 ta' Lulju, 2000.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talbiet attrici huma kkontestati bhala kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt, bla pregudizzju l-konvenut m'huwiex il-legittimu

kontradittur u li l-konvenut ircieva nterpellanza differenti minn dik mitluba f'din il-kawza u ghaldaqstant huwa njoraha billi ovvjament ma kellhiex x'taqsam mieghu.

Sema' x-xhieda tal-konvenut u ta' Mario Debono.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-konvenut jopera hanut li jismu Muscat Souvenirs li jinsab f'221 Republic Street, Valletta filwaqt li l-kumpanija attrici tbiegh u tissuplixxi diversi prodotti fosthom films u apparat tad-ditta Kodak.

Il-kontestazzjoni f'din il-kawza hija jekk fil-fatt jirrizultax li l-merkanzija msemmija fiz-zewg invoices li saret referenza ghalihom fl-Avviz li gew esebiti fis-seduta tat-12 t'April, 2005 gewx ikkonsenjati jew le u f'kaz affermattiv jekk dawn thallsux.

Mill-provi prodotti t-Tribunal huwa sodisfatt illi fil-fatt il-merkanzija ndikata f'Dok. AV1, cjoe' l-invoice tal-20 ta' Lulju, 2000 li ggib import ta' sebghin lira Maltin u hames centezmi (Lm70.05c) giet kollha kkonsenjata. Dan anki gie ammess mill-konvenut li gharaf il-firma tieghu fuq l-invoice.
Il-konvenut jichad li rcieva l-merkanzija ndikata fl-invoice tal-25 ta' Mejju, 2000. Fuq dan id-dokument hemm firma ta' xi hadd li rcieva l-affarijiet izda l-konvenut jichad li din il-firma hija tieghu. Huwa m'gharafhiex. Inoltre, meta wiehed iqabbel din il-firma mal-firma tal-konvenut li saret fuq il-*pink card a tergo* tad-dokument a fol 6 tal-process, din il-firma ma taqbel xejn maghha u ghalhekk fic-cirkostanzi kif inhuma t-Tribunal ma jistax jikkonkludi li hemm provi sufficjenti kif trid il-ligi li din il-merkanzija giet attwalment ikkonsenjata lill-konvenut.

Issa l-konvenut qed isostni li m'ghandux ihallas tal-merkanzija ndikata f'Dok. AV1 tal-process billi jghid li din

giet irritornata lura lill-kumpanija u jghid ukoll li kien gie rapprezentant ta’ nazzjonalita’ Gharbija.

Provi dokumentarja f’dan is-sens ma tirrizultax.  Illi inoltre, t-Tribunal jidhirlu illi l-affermazzjoni tal-konvenut li huwa rritorna l-films kollha u cjoe’ l-oggetti kollha ndikati f’Dok. AV1 hija qajla kredibbli.  It-Tribunal kellu l-opportunita’ li jisma’ x-xhieda tal-konvenut f’diversi okkazjonijiet u l-ahhar darba wara li gie esebit Dok. AV1, u kien proprju wara li dan id-dokument gie esebit li mbaghad qal li rritorna l-affarijiet.  Qabel dan huwa kien qieghed jipprova jitfa’ dubju jekk il-merkanzija kienetx attwalment ikkonsenjata.  Is-socjeta’ attrici gabet prova dokumentarja li l-merkanzija msemmija f’Dok. AV1 giet ikkonsenjata.  Il-konvenut ma gab l-ebda prova dokumentarja in sostenn tar-ritorn ta’ l-oggetti.

Illi ghalhekk it-Tribunal jidhirlu li fil-kawza odjerna jirrizulta sodisfacentement ippruvat li l-merkanzija tal-20 ta’ Lulju, 2000 giet debitament mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut u li l-import taghha ghadu ma thallasx u li ghadu dovut. Fir-rigward ta’ l-invoice l-iehor, it-Tribunal ma jidhirlux li hemm provi sufficjenti li l-merkanzija relattiva giet debitament mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.

Ghaldaqstant it-Tribunal jidhirlu li t-talba attrici ghandha tintlaqa’ parzjalment u ghandu jkun hemm rifless opportun fuq il-kap ta’ l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici limitatament ghas-somma ta’ sebghin lira Maltin u hames centezmi (Lm70.05c) bl-interessi mill-20 ta’ Lulju, 2000 (data tal-konsenja tal-merkanzija) stante illi fil-kummerc l-interessi jibdew jiddekorru minnufih mal-bejgh u l-konsenja.  L-ispejjez tal-kawza jkunu kwantu ghal zewg terzi (2/3) ghall-konvenut u terz (1/3) ghas-socjeta’ attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------